KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-14 ta’ Lulju 2022[1]

**Kawża C-354/21**

**R.J.R.**
**fil-preżenza ta’**
**Registrų centras**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Effetti taċ-ċertifikat – Limiti – Iskrizzjoni ta’ proprjetà tas-suċċessjoni fil-katast – Rifjut”

## I. Introduzzjoni

1. Mara tgħix fil-Ġermanja, l-istess bħal binha. Hija tmut, u tħalli lil binha bħala l-uniku eredi. Hija kellha proprjetajiet immobbli fil-Ġermanja u fil-Litwanja. Binha jikseb ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi, li jispeċifika li huwa l-uniku eredi għall-patrimonju kollu tal-mejta. Huwa jippreżenta dan iċ-ċertifikat lill-awtoritajiet Litwani fejn jitlob li proprjetà immobbli tiġi iskritta fil-katast. Dawn jirrifjutaw li jilqgħu din it-talba minħabba li l-imsemmi ċertifikat huwa inkomplet.

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tqajjem għaldaqstant il-kwistjoni delikata tad-delimitazzjoni tal-kampi ta’ applikazzjoni rispettivi tal-*lex successionis* u tal-*lex registrii* u, b’mod iktar konkret, tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtorità emittenti ta’ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni u l-awtorità responsabbli mill-katast, li tinsab fi Stat Membru ieħor.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012*

3. L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012[2], intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għas-suċċessjoni għall-patrimonji tad-deċeduti. Ma japplikax għall-materji fiskali, doganali u amministrattivi.

2. Dawn li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

[…]

k) in-natura tad-drittijiet in rem; u

l) kwalunkwe reġistrar f'reġistru ta' drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali għal tali reġistrar, u l-effetti ta' reġistrar jew in-nuqqas ta' reġistrar ta' dawn id-drittijiet f'reġistru".

4. Il-Kapitolu VI ta' dan ir-regolament, intitolat "Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni", fih l-Artikoli 62 sa 73 ta' dan.

5. L-Artikolu 62 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni" jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament joħloq Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (minn hawn 'il quddiem 'iċ-Ċertifikat') li għandu jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor u għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69.

[…]

3. Iċ-Ċertifikat ma għandux jieħu l-post tad-dokumenti interni li jintużaw għal finijiet simili fl-Istati Membri. Madankollu, ladarba jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor, iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69 fl-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ħarġuh f'konformità ma' dan il-Kapitolu".

6. L-Artikolu 63 tal-istess regolament, intitolat "Fini taċ-Ċertifikat", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Iċ-Ċertifikat hu għall-użu minn werrieta […] li, fi Stat Membru ieħor, jkunu jeħtieġu jinvokaw l-istatus tagħhom jew li jeżerċitaw rispettivament id-drittijiet tagħhom bħala werrieta […].

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p. 3 u ĠU 2013, L 60, p. 140).

2. Iċ-Ċertifikat jista' jintuża, b'mod partikolari, biex jiġi muri wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

[…]

b) l-attribuzzjoni ta' ass speċifiku jew assi speċifiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju għall-werriet(a), jew skont il-każ, għal-legatarju/i msemmi(ja) fiċ-Ċertifikat;

[…]"

7. L-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Ħruġ taċ-Ċertifikat", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat mingħajr dewmien f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. Hija għandha tuża l-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 81(2)".

8. L-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kontenut taċ-Ċertifikat", jipprovdi li:

"Iċ-Ċertifikat għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja sa fejn meħtieġ għall-fini li għalih jinħareġ:

[…]

l) is-sehem ta' kull eredi u, jekk applikabbli, il-lista ta' drittijiet u/jew assi għal kwalunkwe werriet partikolari;

[…]"

9. L-Artikolu 69 tal-imsemmi regolament, intitolat "Effetti taċ-Ċertifikat", jipprovdi li:

"1 Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtiega ta' xi proċedura speċjali.

2. Għandu jkun preżunt li ċ-Ċertifikat juri b'mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. Il-persuna msemmija fiċ-Ċertifikat bħala l-werrieta, […] għandha titqies li għandha l-istatus imsemmi fiċ-Ċertifikat u/jew li għandha d-drittijiet jew is-setgħat imsemmijin fiċ-Ċertifikat bl-ebda kondizzjoni u/jew restrizzjoni marbuta ma' dawk id-drittijiet jew setgħat ħlief minn dawk iddikjarati fiċ-Ċertifikat.

[…]

5. Iċ-Ċertifikat għandu jikkostitwixxi dokument validu għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà tas-suċċessjoni fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-punti (k) u (l) tal-Artikolu 1(2)".

## *2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1329/2014*

10. L-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1329/2014[3] jistipula:

"Il-formola li trid tintuża għaċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni msemmi fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tkun kif stabbilit fl-Anness 5 bħala l-Formola V [iktar 'il quddiem il-"Formola V]".

11. Il-Formola V tindika lista ta' annessi, li fosthom hemm l-Anness IV, intitolat "Status u drittijiet tal-werriet(a) (OBBLIGATORJU jekk l-iskop taċ-ċertifikat huwa li jiċċertifika dawk l-elementi).

12. Il-punt 9 ta' dan l-Anness IV huwa intiż li jidentifika l-"[a]ss(i) attribwit(i) lill-werriet u li ntalbet ċertifikazzjoni għalih(om)". Jintalab ukoll li jiġu speċifikati l-ass jew l-assi u li jiġu indikati d-dettalji ta' identifikazzjoni rilevanti kollha. Barra minn hekk, in-nota ta' qiegħ il-paġna 13 dwar dan il-punt hija fformulata bil-mod kif ġej: "F'każ ta' ass irreġistrat, jekk jogħġbok indika l-informazzjoni meħtieġa skont il-liġi tal-Istat Membru fejn jinżamm ir-reġistru sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tal-ass (eż. għal proprjetà immobbli, l-indirizz eżatt tal-proprjetà, ir-reġistru tal-art, il-ħabel art [in-numru tal-plott] jew in-numru katastali, id-deskrizzjoni tal-proprjetà (jekk ikun meħtieġ ehmeż id-dokumenti rilevanti)".

## B. Id-dritt Litwan

13. Il-Lietuvos Respublikos nekilnojamojo turto registro įstatymas (il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Katast) kif emendata mil-Liġi Nru XII-1833 tat-23 ta' Ġunju 2015 (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Katast"), tipprovdi, fl-Artikolu 5(2) tagħha, li l-organu li jżomm il-katast huwa responsabbli, skont din il-liġi, għall-eżattezza u l-protezzjoni tad-data miġbura fil-katast. Dan l-organu huwa responsabbli biss biex jiżgura li d-data iskritta fil-katast tkun konformi mad-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom tkun saret l-iskrizzjoni fir-reġistru.

14. L-Artikolu 22 tal-imsemmija liġi jirregola l-bażijiet legali għall-iskrizzjoni fil-katast ta' drittijiet reali fuq proprjetà immobbli, ta' limitazzjonijiet fuq tali drittijiet u ta' fatti legali. Din id-dispożizzjoni telenka d-dokumenti li jattestaw il-ħolqien ta' drittijiet reali fuq proprjetà immobbli jew ta' fatti ġuridiċi, li fuq il-bażi tagħhom dawn id-drittijiet, il-limitazzjonijiet tagħhom jew dawn il-fatti ġuridiċi jiġu iskritti fil-katast, fejn telanka, *inter alia*, fil-punt 1, id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, fil-punt 2, is-sentenzi, deċiżjonijiet, digrieti u deċiżjonijiet tal-qrati u, fil-punt 5, iċ-ċertifikati ta' suċċessjoni.

15. L-Artikolu 23 ta' din l-istess liġi, li jiddefinixxi l-modalitajiet tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-iskrizzjoni ta' drittijiet reali fuq proprjetà immobbli, tal-limitazzjonijiet ta' tali drittijiet u ta' fatti ġuridiċi, jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'dokumenti li jattestaw il-ħolqien tad-dritt reali, il-limitazzjoni fuq dan id-dritt jew il-fatt ġuridiku li l-iskrizzjoni tiegħu tkun qiegħda tintalab. L-Artikolu 23(3) tal-Liġi dwar il-Katast jippreċiża li d-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom huma ċċertifikati, jinħolqu, jintemmu, jiġu ttrasferiti jew limitati d-drittijiet reali fuq proprjetà immobbli, il-limitazzjonijiet fuq tali drittijiet kif ukoll il-fatti ġuridiċi, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u jkun fihom

[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2014 li jistabbilixxi l-Formoli msemmija fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2014, L 359, p. 30, rettifika fil-ĠU 2016, L 9, p. 14).

l-informazzjoni neċessarja għall-iskrizzjoni fil-katast. Skont l-Artikolu 23(4) ta' din il-liġi, id-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom tintalab l-iskrizzjoni fir-reġistru għandhom ikunu leġibbli u jinkludu l-kunjomijiet u l-ismijiet sħaħ, denominazzjonijiet, indirizzi, numri ta' identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati mill-iskrizzjoni fir-reġistru kif ukoll in-numru uniku tal-immobbli kkonċernat, attribwit skont il-Lietuvos Respublikos nekilnojamojo turto kadastro nuostatai (l-Istatut tal-Katast tal-Proprjetà Immobbli tar-Repubblika tal-Litwanja).

16. Skont l-Artikolu 29 tal-imsemmija liġi, l-organu li jżomm il-katast għandu jirrifjuta li jiskrivi fir-reġistru tad-drittijiet reali fuq proprjetà immobbli, limitazzjonijiet fuq tali drittijiet u fatti ġuridiċi, jekk huwa jikkonstata matul l-eżami tal-applikazzjoni għall-iskrizzjoni li d-dokument ippreżentat insostenn ta' din l-applikazzjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' din l-istess liġi, jew li, l-applikazzjoni jew id-dokument ipprovdut lil dan l-organi ma fihx l-informazzjoni msemmija min-Nekilnojamojo turto registro nuostatai (l-Istatut tal-Katast)[4], meħtieġa biex tiġi identifikata l-proprjetà immobbli jew l-akkwirenti tad-dritt reali fuq il-proprjetà immobbli.

17. L-Istatut tal-Katast jindika, fil-punt 14.2.2 tiegħu, li l-informazzjoni li tidentifika l-proprjetà immobbli huma 1) il-lokalità katastali, it-taqsima katastali, in-numru katastali tal-plott; 2) in-numru uniku (numru ta' identifikazzjoni) tal-plott; 3) in-numru uniku (numru ta' identifikazzjoni) tal-binja, u 4) in-numru uniku (numru ta' identifikazzjoni) tal-appartament jew tal-post.

## III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa ċittadin li għandu n-nazzjonalità Litwana u dik Ġermaniża u li jirrisjedi fil-Ġermanja.

19. Fis-6 ta' Diċembru 2015, mietet omm ir-rikorrent fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"*decuius*"), li r-residenza abitwali tagħha kienet tinsab fil-Ġermanja. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, l-uniku werriet, aċċetta mingħajr riżervi s-suċċessjoni tad-*decuius* fil-Ġermanja. Huwa adixxa lill-Qorti Ġermaniża kompetenti sabiex jikseb ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, peress li s-suċċessjoni kien fiha proprjetajiet mhux biss fil-Ġermanja imma wkoll fil-Litwanja.

20. Fl-24 ta' Settembru 2018, l-Amtsgericht Bad Urach (il-Qorti Distrettwali ta' Bad Urach, il-Ġermanja) bagħtet lir-rikorrent fil-kawża prinċipali ċ-ċertifikat tal-wirt Nru 1 VI 174/18 (iktar 'il quddiem iċ-"ċertifikat tal-wirt"), li fih kien hemm indikat li G. R., li kien miet fl-10 ta' Mejju 2014, kien ħalla l-patrimonju tiegħu lid-*decuius*, l-unika werrieta tiegħu.

21. Din l-istess qorti ħarġet, fl-istess ġurnata, ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni Nru 1 VI 175/18 (iktar 'il quddiem iċ-"Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni"), li fih kien hemm indikat li d-*decuius* kienet ħalliet il-patrimonju tagħha lir-rikorrent fil-kawża prinċipali, li kien l-uniku werriet tagħha u kien aċċetta s-suċċessjoni mingħajr riżerva.

22. Fil-15 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta talba quddiem ir-Registrų centras (iċ-Ċentru tar-Reġistri), l-organu Statali responsabbli, b'mod partikolari, li jżomm ir-reġistru tal-artijiet u l-katast fil-Litwanja, sabiex jiġi iskritt fir-reġistru d-dritt ta' proprjetà

[4] Statut adottat permezz tad-Digriet Nru 379 tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja tat-23 ta' April 2014.

tiegħu fuq il-proprjetajiet immobbli li kienu jappartjenu lid-*decuius* fil-Litwanja. Insostenn tat-talba tiegħu, huwa ppreżenta ċ-ċertifikat tal-wirt u ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni maħruġa mill-qorti Ġermaniża.

23. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2019, it-taqsima ta' Tauragė tad-dipartiment "Katast" tas-servizz għaż-żamma tar-reġistri tal-proprjetà taċ-Ċentru tar-Reġistri (iktar 'il quddiem it-"taqsima") ċaħdet din it-talba, minħabba li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ppreżentat ma kienx fih l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-proprjetà immobbli prevista mil-Liġi dwar il-Katast, jiġifieri li ma kienx jindika l-proprjetajiet li wiret ir-rikorrent.

24. Ir-rikorrent ippreżenta lment kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Kummissjoni għall-eżami tat-tilwim tal-uffiċċju għar-reġistrazzjoni ċentrali taċ-Ċentru tar-Reġistri (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni"), li, b'deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2019, ikkonfermat id-deċiżjoni tat-taqsima.

25. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors kontra d-deċiżjonijiet tat-taqsima u tal-kummissjoni quddiem ir-Regionų apygardos administracinio teismo Klaipėdos rūmai (it-Taqsima ta' Klaipėda tal-Qorti Amministrattiva Reġjonali tar-Reġjuni, il-Litwanja), li, b'deċiżjoni tat-30 ta' Diċembru 2019, ċaħdet dan ir-rikors bħala infondat.

26. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali appella minn din is-sentenza quddiem il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja). Din il-qorti, li ddeċidiet fil-formazzjoni kolleġġjali estiża, ikkunsidrat li t-tilwima li kienet adita biha kienet tqajjem kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012.

27. Qabelxejn, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament Nru 650/2012, iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jikkostitwixxi dokument validu għall-iskrizzjoni ta' proprjetà akkwistata b'wirt fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2)(k) u (l) tiegħu, jiġifieri li dan iċ-ċertifikat ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(2)(l) ta' dan ir-regolament.

28. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, fil-Litwanja, id-dokumenti li jistgħu jservu ta' bażi għall-iskrizzjoni ta' drittijiet reali fuq proprjetà immobbli fil-katast huma elenkati fl-Artikolu 22 tal-Liġi dwar il-Katast u li l-Artikolu 23(2) sa (4) ta' din il-liġi jippreċiża b'mod imperattiv l-informazzjoni u d-data li dawn id-dokumenti għandhom jiċċertifikaw. Din il-qorti tippreċiża li l-organu li jżomm il-katast, bħala awtorità pubblika, jaġixxi biss skont il-poteri li jingħatawlu bil-liġi, li ma tagħtihx il-poter li jikkonstata huwa stess il-portata tad-drittijiet ta' proprjetà u lanqas li jiġbor l-informazzjoni u l-provi li jattestaw l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' ċerti fatti. Hija tindika li, konsegwentement, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali rilevanti f'dan il-każ, l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrizzjoni fil-katast tista' tiġi pprovduta biss fid-dokumenti elenkati fl-Artikolu 22 tal-Liġi dwar il-Katast u li, meta l-informazzjoni pprovduta hija inkompluta, l-organu li jżomm il-katast ma għandux is-setgħa li jieħu inkunsiderazzjoni informazzjoni oħra.

29. Il-qorti tar-rinviju ssostni wkoll, fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni maħruġ mill-qorti Ġermaniża ġie stabbilit billi ntużat il-Formola V u jinkludi l-Anness IV ta' din il-formola, li tiċċertifika l-istatus u d-drittijiet tal-werriet. Hija tosserva madankollu li ebda informazzjoni ma ġiet ipprovduta fil-punt 9 ta' dan l-anness sabiex tiġi identifikata l-proprjetà jew jiġu identifikati l-proprjetajiet attribwiti lill-werriet u li għalihom hija mitluba ċ-ċertifikazzjoni.

30. Din il-qorti tirrileva li l-argumenti mressqa mir-rikorrent fil-kawża prinċipali kif ukoll il-ġurisprudenza Ġermaniża li huwa jiċċita jimplikaw li ma kienx bi traskuraġni li l-awtorità li ħarġet iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni naqset milli tipprovdi din l-informazzjoni. Ir-rikorrent isostni, b'mod partikolari, li d-dritt tas-suċċessjonijiet Ġermaniż huwa rregolat mill-prinċipju tas-suċċessjoni b'titolu universali u li, konsegwentement, meta jkun hemm benefiċjarju wieħed, dan jieħu l-patrimonju kollu tad-*decuius* u li ma huwiex possibbli, fid-dritt Ġermaniż, li jiġi indikat jew li b'xi mod jiġu speċifikati l-proprjetajiet tas-suċċessjoni. Skontu, skont ġurisprudenza stabbilita, il-qrati Ġermaniżi ma japplikawx l-Artikolu 68(l) tar-Regolament Nru 650/2012, li jipprovdi li dan iċ-ċertifikat għandu jindika s-sehem li jmiss lil kull werriet u, jekk ikun il-każ, il-lista tad-drittijiet u/jew il-proprjetajiet li jmissu lil werriet partikolari.

31. Meħud kont tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni bil-ħolqien taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, b'mod partikolari dak intiż li jirregola b'ħeffa, b'mod faċli u effikaċi s-suċċessjonijiet li għandhom effett transkonfinali fi ħdan l-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 1(2)(l) u lill-Artikolu 69(5) tar-Regolament Nru 650/2012, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna r-rabta ta' dawn id-dispożizzjonijiet mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih tkun tinsab il-proprjetà tas-suċċessjoni li jirregola l-kundizzjonijiet dwar l-iskrizzjoni ta' dritt ta' proprjetà fil-katast.

32. Huwa f'dawn ċ-ċirkustanzi li l-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 1(2)(l), u l-Artikolu 69(5) tar-[Regolament Nru 650/2012] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Istat Membru li fih tinsab il-proprjetà immobbli inkwistjoni li abbażi tagħhom dritt ta' proprjetà jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-proprjetà abbażi ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni biss jekk l-informazzjoni kollha neċessarja għal din ir-reġistrazzjoni tkun indikata f'dan iċ-ċertifikat?"

33. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern Litwan, Ċek, Ġermaniż, Spanjol, Franċiż u dak Ungeriż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Gvern Litwan, Ġermaniż, Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali waqt is-seduta li nżammet fl-4 ta' Mejju 2022.

## IV. Analiżi

34. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 650/2012, b'mod partikolari l-Artikolu 1(2)(l) tiegħu, l-Artikolu 68(l) tiegħu, u l-Artikolu 69(5) tiegħu, jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali skont liema proprjetà immobbli akkwistata minn werriet uniku skont id-dritt tas-suċċessjoni rregolat mill-prinċipju tas-suċċessjoni universali tista' tkun iskritta fil-katast tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu din il-proprjetà tkun tinstab, abbażi ta' ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, bil-kundizzjoni biss li d-data kollha għall-identifikazzjoni tal-proprjetà immobbli mitluba mid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru tkun indikata f'dan iċ-ċertifikat.

35. Din id-domanda tikkonċerna, minn naħa, ir-rekwiżiti kollha dwar iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni u, min-naħa l-oħra, id-delimitazzjoni bejn is-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 650/2012 u dik stabbilita mid-dritt nazzjonali li jirregola l-iskrizzjoni ta' drittijiet fuq proprjetà immobbli f'reġistru.

36. Infakkar li d-*decuius*, li mietet fl-2015, kienet hija stess il-werrieta ta' żewġha (fl-2014). Madankollu, meħud kont tal-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju u tad-domanda magħmula, dawn il-konklużjonijiet għandhom bħala suġġett biss is-suċċessjoni tad-*decuius* aċċettata minn binha.

37. F'dan ir-rigward, jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li ssir distinzjoni bejn il-punt dwar jekk proprjetà tas-suċċessjoni għandhiex jew tistax tissemma fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni [5] u dak dwar jekk l-awtorità tar-reġistru ta' Stat Membru tistax tirrifjuta l-iskrizzjoni ta' din il-proprjetà minħabba li din ma tissemmiex fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni [6]. Nixtieq fil-qosor inpoġġi ċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni fil-kuntest tar-Regolament Nru 650/2012 qabel ma nanalizza dawn iż-żewġ domandi.

38. Biex nesprimieh b'mod iktar dirett, sabiex tiġi riżolta l-problema tal-każ ineżami, jew huwa l-obbligu tal-awtoritajiet Ġermaniżi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012 li jispeċifikaw, fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, il-proprjetà inkwistjoni, jew huma l-awtoritajiet Litwani li huma obbligati, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012, li jilqgħu t-talba fuq il-bażi taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni kif stabbilit mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

## A. Fuq iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni fil-kuntest tar-Regolament Nru 650/2012

39. Mill-premessa 7 tiegħu jirriżulta li r-Regolament Nru 650/2012 għandu bħala għan li jiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jneħħi l-ostakli għall-moviment liberu ta' persuni li jkunu jridu jasserixxu d-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni transkonfinali [7]. Dan ir-regolament jidħol, għaldaqstant, fil-kuntest tal-ħolqien ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja li jakkumpanja s-suq intern u għandu, għaldaqstant, ikun interpretat fid-dawl ta' dawn il-prinċipji [8].

40. Ir-Regolament Nru 650/2012 ma jwettaqx armonizzazzjoni tad-dritt sostantiv tas-suċċessjoni. Għaldaqstant, huwa ma fihx, fil-prinċipju [9], dispożizzjonijiet sostantivi fil-qasam tas-suċċessjoni. Min-naħa l-oħra, dan ir-regolament jindika, bir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet, il-liġi (nazzjonali) tas-suċċessjoni applikabbli għas-suċċessjoni [10]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 21(1) tal-imsemmi regolament juża bħala regola ġenerali l-prinċipju tal-applikazzjoni, għal suċċessjoni fl-intier tagħha, il-liġi tal-Istat li fih id-*decuius* kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument ta' mewtu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 22(1) ta' dan l-istess regolament, persuna tista' tagħżel bħala liġi li tirregola s-suċċessjoni tagħha fl-intier tagħha l-liġi tal-Istat li tiegħu hija għandha n-nazzjonalità fil-mument li fih hija tagħmel din l-għażla jew fil-mument ta' mewtha. Il-portata tal-liġi applikabbli hija ddefinita fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 650/2012. Huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat hawnhekk li l-liġi indikata skont l-Artikoli 21 u 22 ta' dan ir-regolament tirregola suċċessjoni fl-intier tagħha [11], inkluż it-trasferiment tal-proprjetà [12].

[5] Dan jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012.

[6] Din id-domanda tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2)(l) u tal-Artikolu 69(5) tar-Regolament Nru 650/2012.

[7] Ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Kubicka (C-218/16, EU:C:2017:755, punt 56).

[8] Ara, f'dan is-sens, Baldus, Ch., f'Gebauer, M., Wiedmann, T., *Europäisches Zivilrecht*, Edizzjoni Nru 3., C.H. Beck, München, 2021, Kapitolu 44 ("Europäische Erbrechtsverordnung"), Artikolu 1, punt 4.

[9] Ara, madankollu, l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 650/2012.

[10] Ara l-Kapitolu III tar-Regolament Nru 650/2012.

[11] Ara l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 650/2012.

[12] Ara l-Artikolu 23(2)(e) tar-Regolament Nru 650/2012.

41. Ir-Regolament Nru 650/2012 jirregola mhux biss id-dritt applikabbli, imma wkoll il-ġurisdizzjoni ġudizzjarja u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru.

42. L-Artikoli 62 *et seq* ta' dan ir-regolament jirregolaw waħda mill-innovazzjonijiet ċentrali[13] tiegħu: iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni.

43. Dan iċ-ċertifikat huwa intiż li jaqdi tliet funzjonijiet prinċipali fl-Istati Membri kollha[14]: l-ewwel, jilleġittima lill-werriet fil-konfront tal-awtoritajiet bħalma huma dawk tal-katast jew id-debituri privati tas-suċċessjoni bħalma huma l-banek, it-tieni, jipprovdi preżunzjoni konfutabbli tal-eżattezza u l-eżawrjenza tal-kontenut tiegħu u, it-tielet, jipproteġi lil terzi f'*bona fide* li jħallas xi ammonti lil dak li jkun ġie maħtur bħala werriet jew li jakkwista mingħandu xi ass mis-suċċessjoni.

44. Iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni jgawdi minn sistema ġuridika awtonoma, stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tar-Regolament Nru 650/2012[15], intiża li tiggarantixxi applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha[16]. Fir-rigward ta' dan iċ-ċertifikat, l-Artikoli 63 sa 69 ta' dan ir-regolament jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-għan tiegħu, il-kompetenza meħtieġa biex jinħareġ, il-modalitajiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat, l-eżami ta' din l-applikazzjoni u l-ħruġ tiegħu, kif ukoll il-kontenut u l-effetti tiegħu.

45. Skont l-Artikolu 63(1) tar-Regolament Nru 650/2012, li jirrigwarda l-għan taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, dan huwa intiż li jintuża, b'mod partikolari, mill-werrieta li, fi Stat Membru ieħor, jridu *jinvokaw il-kwalità tagħhom* jew jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala werrieta.

46. L-Artikolu 63(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 650/2012 jispeċifika, f'dan ir-rigward, li dan iċ-ċertifikat jista' jintuża, b'mod partikolari, biex iservi ta' prova ta' elementi bħalma huma, rispettivament, l-istatus u/jew id-drittijiet ta' kull werriet jew l-attribuzzjoni ta' ass speċifiku jew ta' diversi assi speċifiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju għall-werriet(a), jew skont il-każ, għal-legatarju msemmi fiċ-ċertifikat.

[13] Dan iċ-ċertifikat huwa ta' importanza kbira għat-trattament prattiku tas-suċċessjonijiet transkonfinali; ara, fid-dettall, Hess, B., *Europäisches Zivilprozessrecht*, Edizzjoni Nru 2, De Gruyter, Berlin/Boston, punt 7.220. Ara, ukoll, Wautelet, P., f'Bonomi, A., Wautelet, P., *Le droit européen des successions. Commentaire du règlement (UE) nº 650/2012 du 4 juillet 2012*, Edizzjoni Nru 2, Bruylant, Brussell, 2016, Artikolu 62, punt 1 *et seq*.

[14] Ara Kleinschmidt, J., "Optionales Erbrecht: Das Europäische Nachlasszeugnis als Herausforderung an das Kollisionsrecht", *Rabels Zeitschrift für ausländisches und internationales Privatrecht*, 2013, Vol 4, Nru 77, p. 723 sa 785, speċjalment, p. 726. Ara, ukoll, Stamatiadis, D., f'Pamboukis, H.P., *EU Succession Regulation No 650/2012. A Commentary*, Nomiki Bibliothiki/C.H. Beck/Hart/Nomos, Ateni/Munchen/Oxford/Baden-Baden, 2017, Artikolu 62, punti 26 *et seq*.

[15] Ara s-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2018, Oberle (C-20/17, EU:C:2018:485, punt 46), u tas-16 ta' Lulju 2020, E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet) (C-80/19, EU:C:2020:569, punt 70).

[16] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Oberle (C-20/17, EU:C:2018:89, punt 90).

## B. Fuq il-kontenut taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni

### *1. Fuq l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012*

47. L-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012 jelenka l-lista tal-informazzjoni li għandu jkun fih iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni "sa fejn meħtieġ għall-fini li għalih jinħareġ", li fosthom hemm "is-sehem ta' kull eredi u, *jekk applikabbli,* il-lista ta' drittijiet u/jew assi għal kwalunkwe werriet partikolari" [17].

#### *a) Fuq l-obbligu li tiġi speċifikata l-proprjetà inkwistjoni*

48. Il-kwistjoni li tqum hija s-segwenti: l-awtorità responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni hija obbligata tispeċifika d-drittijiet u/jew l-assi li jmissu lil werriet partikolari?

49. Iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni huwa mfassal bħala strument intiż li jintuża biex juri elementi differenti. Kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012, huwa għandu jinkludi informazzjoni neċessarja għall-iskop li għalih jinħareġ.

50. Huwa dan għaldaqstant l-għan (konkret) li għalih huwa intiż iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, kif ġie indikat mill-applikant skont l-Artikolu 65(3)(f) tar-Regolament Nru 650/2012, kif ukoll il-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli li jiddeterminaw il-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat. Mill-Artikolu 63(2)(a) ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-għan tal-imsemmi ċertifikat huwa, b'mod partikolari, li juri l-istatus ta' "werriet". Evidentement, kif jirriżulta mill-Artikolu 63(2)(b) tal-imsemmi regolament, l-istess ċertifikat jista' jintuża wkoll biex ikun ta' prova ta' informazzjoni oħra bħalma hija l-attribuzzjoni ta' ass speċifiku jew ta' diversi assi speċifiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju għall-werriet(a). Din l-informazzjoni tista' tkun inkluża, fil-fehma tiegħi, safejn dan ikun iġġustifikat għall-funzjonament tajjeb taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni biex dan ikun jista' jkollu l-effetti sħaħ tiegħu.

51. Kif bi ħsiebni nuri fil-punti li ġejjin, ma huwiex meħtieġ li wieħed jirrikorri għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 63(2)(b) tar-Regolament Nru 650/2012 biex ikun jista' jipproċedi għall-iskrizzjoni.

*1) Suċċessjoni universali*

52. Huwa paċifiku li l-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli għal din il-kawża, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 650/2012, hija l-liġi Ġermaniża. Konsegwentement, skont din id-dispożizzjoni, din il-liġi tirregola s-suċċessjoni fl-intier tagħha u, b'mod partikolari, it-trasferiment tal-assi lill-werriet [18].

53. F'dan il-każ, skont id-dritt Ġermaniż applikabbli, skont l-Artikolu 1922(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili), mal-mewt ta' persuna (ftuħ tas-suċċessjoni), l-universalità tal-patrimonju tagħha (suċċessjoni) tiġi trażmessa lil persuna waħda jew iktar (werrieta). Dan

[17] Ara l-Artikolu 68(l) tar-Regolament Nru 650/2012. Enfasi miżjud minni.

[18] Ara l-Artikolu 23(2)(e) tar-Regolament Nru 650/2012.

huwa l-prinċipju tas-suċċessjoni universali. Kif indikat mill-Gvern Ġermaniż, dan jimplika li l-werriet jissuċċedi ġuridikament lill-mejjet malli jseħħ l-avveniment li jiskatta s-suċċessjoni, jiġifieri mal-mewt tad-*decuius*.

54. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li d-dritt Ġermaniż ma jipprovdix għal suċċessjoni li ma hijiex universali, li jimplika li ma humiex assi speċifiċi li jiġu trażmessi b'titolu partikolari, imma l-patrimonju fl-intier tiegħu bħala universalità.

55. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex meħtieġ li jiġi inkluż inventarju tas-suċċessjoni fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, inkwantu s-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 68(l) tar-Regolament Nru 650/2012, bil-kliem "jekk applikabbli", jiġifieri fil-każ ta' lista ta' assi li jmissu lil werriet speċifiku, ma tavverax ruħha.

56. Fil-fatt, f'din l-ipoteżi, dan iċ-ċertifikat jindika li l-persuna inkwistjoni hija l-werrieta ta' ass speċifiku tad-*decuius*. Madankollu, jekk il-werriet huwa l-werriet universali, ma huwiex meħtieġ li jiġi speċifikat l-ass b'mod speċifiku fl-imsemmi ċertifikat.

57. F'dan il-kuntest, għandi nirrifjuta t-teżi li tgħid li l-kliem "jekk applikabbli" għandhom jinftehmu bħala li jirriflettu biss ix-xewqa tal-applikant għaċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni [19]. Għalkemm l-applikant huwa obbligat jinforma lill-awtorità emittenti ta' dan iċ-ċertifikat bl-għan tiegħu [20], madankollu huwa l-obbligu ta' din l-awtorità li tiddeċiedi, fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, jekk ass għandux ikun speċifikat jew le.

58. Madankollu, il-Kummissjoni tafferma li tali approċċ ma huwiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 650/2012. Fil-fatt, fil-fehma tagħha, il-portata tal-informazzjoni pprovduta fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni ma hijiex iddeterminata skont il-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli, imma skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament.

59. Fil-fehma tiegħi, dan l-approċċ tal-Kummissjoni ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li r-Regolament Nru 650/2012 jirregola mhux biss il-ġurisdizzjoni ġudizzjarja u l-kontenut taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, imma wkoll, kif semmejt, il-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli għal kawża, li neċessarjament għandha effett fuq il-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat.

60. Ċertament, l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012 jirregola b'mod eżawrjenti l-kontenut taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, imma dan ma jipprekludix minn daqshekk li l-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli, kif indikata skont dan ir-regolament, jista' jkollha effett fuq dan il-kontenut. Għall-kuntrarju, l-użu tal-kliem "*sa fejn* meħtieġ għall-fini li għalih jinħareġ [iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni]" u "*jekk applikabbli*" f'din id-dispożizzjoni, jindika r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jieħu inkunsiderazzjoni l-liġi tas-suċċessjoni applikabbli (enfasi tiegħi). Għaldaqstant teżisti b'mod ċar interdipendenza bejn id-dritt nazzjonali u dan ir-regolament inkwantu hija l-liġi tas-suċċessjoni applikabbli li tiddetermina fl-ewwel lok il-kontenut taċ-ċertifikat.

61. Dan premess, l-awtorità emittenti għandha, fejn meħtieġ, turi ċerta flessibbiltà u ssegwi prattiki li mhux neċessarjament hija mdorrija bihom, b'mod partikolari meta hija għandha tapplika liġi barranija. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

[19] Ara wkoll, f'dan is-sens, Semelová, M., "Praktische Probleme mit dem (deutschen) Europäischen Nachlasszeugnis in der Tschechischen Republik", *Zeitschrift für das Privatrecht der Europäischen Union (GPR)*, 2018, Nru 4, p. 200 sa 203, speċjalment p. 201.

[20] Ara l-Artikolu 65(3)(f) tar-Regolament Nru 650/2012.

*2) Suċċessjoni li ma hijiex universali*

62. Meta s-sitwazzjoni ma taqax taħt dritt nazzjonali tas-suċċessjoni rregolat mill-prinċipju tas-suċċessjoni b'titolu universali[21] u meta l-għan imsemmi iktar 'il fuq jista' jintlaħaq biss billi jissemma sehem il-persuna inkwistjoni mill-wirt, huwa wisq probabbli li l-ass inkwistjoni għandu jkun speċifikat.

63. L-obbligi imposti u l-kundizzjonijiet meħtieġa f'dan il-qasam jistgħu jvarjaw skont l-Istati Membri. B'mod partikolari, il-liġi tas-suċċessjoni applikabbli fi Stat Membru ieħor tista' teżiġi inventarju komplut tas-suċċessjoni, li tkun timplika l-obbligu li tali informazzjoni tiġi inkluża f'ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni. Tali sitwazzjoni tkun tikkorrispondi għas-sitwazzjoni mmirata bit-termini "jekk applikabbli" fl-Artikolu 68(l) tar-Regolament Nru 650/2012.

***b) Fuq il-fakultà li jiġi speċifikat l-ass inkwistjoni***

64. Jibqa' biex jiġi stabbilit jekk, f'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità li toħroġ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni hijiex libera li tinkludi jew ma tinkludix il-proprjetà immobbli inkwistjoni f'dan iċ-ċertifikat, meta ssir talba f'dan is-sens mill-persuna kkonċernata.

65. Jeħtieġ li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li, biex ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni jkun jista' jkollu l-effetti tiegħu b'mod sħiħ, huwa meħtieġ ċertu grad ta' kooperazzjoni u ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Dan jista' jimplika l-obbligu għall-awtorità emittenti, fi spirtu ta' kooperazzjoni leali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra, li tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-liġi dwar ir-reġistru ta' Stat Membru ieħor, speċjalment jekk din l-awtorità jkollha l-informazzjoni u l-elementi rilevanti.

66. Dan premess, tali kooperazzjoni tibqa' delikata, peress li minnha jistgħu jirriżultaw problemi legali oħra.

67. Ejja nippreżupponu li, meta ssir talba f'dan is-sens, l-indikazzjoni tal-proprjetà inkwistjoni tibqa' fakultattiva għall-awtorità li toħroġ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni. F'tali sitwazzjoni, dan ikun vinkolanti għall-awtorità tar-reġistru li tipproċedi bl-iskrizzjoni ta' din il-proprjetà, li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor? Xi ngħidu għall-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012, li jipprovdi li dan iċ-ċertifikat huwa preżunt li jattesta b'mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi tas-suċċessjoni nazzjonali applikabbli jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi? Din il-preżunzjoni testendi għall-appartenenza tal-proprjetà inkwistjoni?

68. Jeħtieġ ukoll li jiġi rrilevat, b'mod partikolari, li l-kwistjoni tal-appartenenza ta' ċerti proprjetajiet għall-massa ta' suċċessjoni ma taqax taħt il-liġi tas-suċċessjoni, imma taħt il-liġi tad-dritt tal-proprjetà[22]. Fil-fatt, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni li tirregola l-kwistjoni tat-trasferiment tal-proprjetà u l-kwistjoni dwar min isir il-proprjetarju tal-proprjetajiet ta' *decuius* għandha tkun distinta minn dik dwar jekk proprjetà partikolari kinitx tappartjeni lid-*decuius*.

[21] Din tkun għaldaqstant sitwazzjoni differenti minn dik tal-kawża inkwistjoni.

[22] Ara wkoll, f'dan is-sens, Raff, Th., "Praktische Probleme mit dem (deutschen) Europäischen Nachlasszeugnis in der Tschechischen Republik – Stellungnahme", *Zeitschrift für das Privatrecht der Europäischen Union (GPR)*, 2018, p. 203 sa 205, speċjalment p. 204.

69. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li sabiex ikunu jistgħu jiġu indikati l-proprjetajiet preċiżi, l-awtorità li toħroġ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni għandu jkollha stampa kompluta tal-massa tas-suċċessjoni [23]. Madankollu, dan jista' jirriżulta li jkun diffiċli, kif juri l-każ ineżami.

### 2. *Fuq il-Formola V*

70. Il-punt 9 tal-Anness IV tal-Formola V huwa intiż li jidentifika l-assi attribwiti lill-werriet u li għalihom jintalab ċertifikat u jsemmi li huwa mitlub f'dan ir-rigward li l-assi jiġu speċifikati u li jiġu indikati d-dettalji ta' identifikazzjoni rilevanti kollha [24].

71. Għall-kuntrarju tal-argumenti ta' ċerti partijiet fil-proċedura u skont il-fehma ta' ċerti awturi tad-dottrina [25], ebda informazzjoni ma tista' toħroġ minn din il-formola.

72. Fil-fatt, l-informazzjoni li għaliha jagħmel riferiment dan il-punt 9 għandha tiġi pprovduta biss meta l-proprjetà inkwistjoni għandha tkun speċifikata [26]. Madankollu, kif indikajt [27], dan ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li dan jirrigwarda suċċessjoni universali.

73. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li peress li l-(uniku) għan tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1329/2014 huwa li jikkonkretizza d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012, huwa ma jista' fl-ebda każ imur lil hinn mid-dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolament Nru 650/2012. Kull approċċ ieħor ikun jippreġudika l-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali. Bħala awtur tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1329/2014, il-Kummissjoni hija għaldaqstant obbligata li tosserva r-rieda tal-leġiżlatur. Fi kliem ieħor, dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ma jistax jeżiġi, fil-Formola V, li tiġi pprovduta informazzjoni li ma hijiex neċessarja fid-dawl tal-għan taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni. Fil-każ kuntrarju, dan ikun ixejjen indebitament mis-sustanza tagħhom id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012.

74. Konsegwentement, inkwantu l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 650/2012 twassal biex jiġi konkluż li din id-dispożizzjoni ma teżiġix l-identifikazzjoni speċifika tal-proprjetà Litwana fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ebda dispożizzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1329/2014 ma tista' tippermetti konklużjoni differenti. Dan ir-regolament ta' implimentazzjoni għandu għaldaqstant jiġi interpretat fid-dawl tar-Regolament Nru 650/2012.

## C. Fuq l-effetti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u r-rabta tiegħu mad-dritt nazzjonali katastali (Artikolu 1(2)(l) u Artikolu 69(5) tar-Regolament Nru 650/2012)

75. Skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament Nru 650/2012, iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni jikkostitwixxi dokument validu għall-iskrizzjoni ta' proprjetà tas-suċċessjoni fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2)(k) u (l) ta' dan ir-regolament.

[23] Ara wkoll, f'dan is-sens, Wautelet, P., *op. cit.*, Artikolu 68, punt 26.

[24] Għal dak li jikkonċerna l-formulazzjoni tan-nota ta' qiegħ il-paġna 13 dwar dan il-punt 9, ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[25] Ara, b'mod partikolari, Semelová, M., *op. cit.*, p. 203.

[26] Ara wkoll, f'dan is-sens, Raff, Th., *op. cit.*, p. 203, kif ukoll Budzikiewicz, Ch., f'Calvo Caravaca, A.-L., Davì, A., Mansel, H.-P., *The EU Succession Regulation. A Commentary*, Cambridge University Press, 2016, Artikolu 68, punt 19.

[27] Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

76. L-Artikolu 1(2)(l) tar-Regolament Nru 650/2012, li huwa intiż li jiddelimita l-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tal-*lex successionis* u tal-*lex registrii*, jipprovdi min-naħa tiegħu li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament "kwalunkwe reġistrar f'reġistru ta' drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali għal tali reġistrar, u l-effetti ta' reġistrar jew in-nuqqas ta' reġistrar ta' dawn id-drittijiet f'reġistru".

77. Il-kawża li wasslet għas-sentenza Kubicka [28] kienet l-unika opportunità mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tinterpreta l-Artikolu 1(2)(l) tar-Regolament Nru 650/2012. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 1(2)(k) u (l), kif ukoll l-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu r-rifjut tar-rikonoxximent, minn awtorità ta' Stat Membru, tal-effetti reali ta' legat "b'invokazzjoni", irrikonoxxut mid-dritt applikabbli għas-suċċessjoni, li bih testatur għażel skont l-Artikolu 22(1) ta' dan l-istess regolament, meta dan ir-rifjut huwa bbażat fuq ir-raġuni biss li dan il-legat jirrigwarda d-dritt ta' proprjetà ta' immobbli li jinsab f'dan l-Istat Membru, li l-leġiżlazzjoni tiegħu ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tal-legat b'effett reali dirett fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

78. Din is-sentenza Kubicka kellha bħala konsegwenza li l-liġi Ġermaniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ġietx applikata għat-trasferiment ta' proprjetà. Issa, din ma kinitx tirrigwarda r-regoli li jirrigwardaw il-katast. Id-dritt nazzjonali katastali ta' Stat Membru jista' għaldaqstant jimponi rekwiżiti proċedurali supplimentari, imma dan biss safejn dawn ir-rekwiżiti supplimentari ma jirrigwardawx il-kwalità attestata miċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni.

79. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Bot fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Kubicka [29], fil-prattika, dokumenti jew informazzjoni oħra jistgħu jiġu rikjesti sabiex jikkumplementaw iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, meta, pereżempju, dan iċ-ċertifikat ma jkunx fih elementi preċiżi biżżejjed sabiex jiġi identifikat il-beni li t-trasferiment tal-proprjetà tiegħu għandu jiġi rreġistrat.

80. Madankollu, jeħtieġ li jiġi osservat li, f'dan il-każ, l-awtoritajiet Litwani għandhom l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jipproċedu bl-iskrizzjoni fil-katast: huma f'pożizzjoni li jidentifikaw lil min tappartjeni jew kienet tappartjeni l-proprjetà inkwistjoni u, permezz taċ-ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, li jiżguraw ruħhom mill-kwalità ta' werriet tar-rikorrent fil-kawża prinċipali.

81. F'tali sitwazzjoni, l-effett utli taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni jkun ippreġudikat jekk id-dritt katastali Litwan ikun jista' jimponi obbligi supplimentari fuq l-applikant.

82. Fil-fatt, anki jekk il-proprjetà konkreta akkwistata b'suċċessjoni ma hijiex indikata fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, l-akkwist tagħha jista' jkun ippruvat b'dan iċ-ċertifikat. B'din il-loġika, ma hijiex l-identifikazzjoni ta' din il-proprjetà fl-imsemmi ċertifikat li tikkostitwixxi l-bażi tal-modifika fil-katast, imma l-kwalità bħala werrieta tal-persuna kkonċernata [30]. F'dan ir-rigward, l-istess ċertifikat jikkostitwixxi l-prova tas-suċċessjoni universali li seħħet skont id-dritt Ġermaniż, li tinkludi wkoll il-proprjetajiet immobbli tad-*decuius* li jinsabu barra mill-pajjiż. Huwa l-obbligu tal-awtorità katastali li tivverifika jekk il-proprjetà inkwistjoni tidħolx fis-suċċessjoni, u għaldaqstant jekk kinitx tappartjeni lid-*decuius*. L-awtorità għandha

[28] Ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017 (C-218/16, EU:C:2017:755, id-dispożittiv).

[29] C-218/16, EU:C:2017:387, punt 67.

[30] Ara wkoll, f'dan is-sens, Nordmeier, C. F., "Die Aufnahme einzelner Nachlassgegenstände in das Europäische Nachlasszeugnis – zum durch den Todesfall bedingten Rechtserwerb und zur Reichweite der Art. 68 lit. l und m EuErbVO", Praxis des Internationalen Privat- und Verfahrensrechts (IPrax), 2019, p. 306 sa 312, speċjalment p. 311.

tislet il-konsegwenzi kollha li timplika l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, jiġifieri li l-persuna msemmija bħala werrieta tad-*decuius* hija l-werrieta tiegħu b'titolu universali.

83. Għaldaqstant, ma hemm ebda raġuni leġittima għall-awtoritajiet Litwani li jitolbu, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, elementi supplimentari sabiex jiddeterminaw jekk il-persuna inkwistjoni hijiex il-werrieta tal-proprjetà inkwistjoni. Li din il-persuna tiġi obbligata tirrikorri għand l-awtoritajiet Ġermaniżi biex dawn jispeċifikaw il-proprjetà immobbli inkwistjoni huwa formaliżmu li ma jistax ikun iġġustifikat.

84. Biex nikkonkludi, sakemm l-effett utli tar-Regolament Nru 650/2012 u, f'dan il-każ, dak taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni stabbilit minn dan ir-regolament, ma jkunux ippreġudikati, l-Istati Membri huma liberi li jilleġiżlaw fil-qasam tad-dritt katastali. Iżda l-Artikolu 1(2)(l) tal-imsemmi regolament ma jistax ikollu bħala effett li jippreġudika l-effett utli ta' ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, ċertifikat li, kif fakkart, jikkostitwixxi, skont l-Artikolu 69(5) tal-istess regolament, dokument validu għall-finijiet tal-iskrizzjoni ta' proprjetà tas-suċċessjoni fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru.

85. Fi kliem ieħor, għalkemm il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-akkwist tal-proprjetajiet tas-suċċessjoni ma jistgħux, fil-prinċipju, jiġu injorati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-katast [31], ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni li jipprovdi l-prova tas-suċċessjoni għandu madankollu natura vinkolanti u għandu jservi ta' bażi għall-iskrizzjoni fir-reġistru, kemm jekk il-kontenut tiegħu jikkorrispondi jew ma jikkorrispondix mal-prattika abitwalment segwita biex jiġi stabbilit tali ċertifikat (jew dokument nazzjonali paragunabbli) fl-Istat Membru tal-katast [32]. Huwa biss meta jkun oġġettivament impossibbli li jiġi ddeterminat is-suġġett tat-talba fil-kuntest tal-iskrizzjoni fil-katast li jista' jirriżulta neċessarju li jiġi kkompletat iċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni sabiex tintwera s-suċċessjoni ġenerali tad-*decuius* b'dokumenti supplimentari neċessarji għall-identifikazzjoni preċiża tal-proprjetajiet li ntirtu [33].

## D. Fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet (Artikolu 66(5) tar-Regolament Nru 650/2012)

86. L-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 650/2012, li jirrigwarda l-eżami tal-applikazzjoni għal ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, jipprovdi, fil-ħames paragrafu tiegħu, li, għall-finijiet ta' dan l-eżami, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha, fuq talba, tipprovdi lill-awtorità emittenti ta' ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni li tinsab fi Stat Membru ieħor, l-informazzjoni miżmuma, b'mod partikolari, fir-reġistri tal-artijiet, fir-reġistri tal-istat ċivili u f'reġistri fejn jiġu rreġistrati d-dokumenti u l-fatti li jkunu ta' rilevanza għas-suċċessjoni jew għar-reġim tal-proprjetà matrimonjali jew reġim patrimonjali ekwivalenti tal-proprjetà tad-*decuius*, fejn dik l-awtorità kompetenti hija awtorizzata, skont id-dritt nazzjonali, biex tipprovdi lil awtorità nazzjonali oħra b'tali informazzjoni.

87. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, f'dan il-każ, hija l-awtorità Ġermaniża emittenti taċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni li għandha l-obbligu li tikkuntattja lill-awtoritajiet Litwani sabiex tistaqsi dwar il-proprjetà immobbli fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjoni għaċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni.

31 Ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Kubicka (C-218/16, EU:C:2017:755, punt 54).

32 Ara wkoll, f'dan is-sens, Margoński, M., *Europejskie poświadczenie spadkowe*, Wolters Kluwer, Varsavja, 2022, p. 429.

33 Ara wkoll, f'dan is-sens, Margoński, M., *op. cit.*, p. 429.

88. Għalkemm huwa evidenti li l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni stabbilit mill-Artikolu 66(5) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu rwol primordjali għall-funzjonament tajjeb tal-ipproċessar tal-applikazzjoni u, ulterjorment, għall-ħruġ ta’ ċertifikat, jien ma naqbilx madankollu mal-fehma tal-Kummissjoni, għas-sempliċi raġuni li kooperazzjoni hija obbligatorja biss meta din hija neċessarja.

89. Kif intwera f’dawn il-konklużjonijiet, dan ma huwiex il-każ hawnhekk, fejn l-awtorità ta’ iskrizzjoni għandha l-informazzjoni neċessarja kollha biex tipproċedi għall-iskrizzjoni.

## V. Konklużjoni

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja) bil-mod kif ġej:

L-Artikolu 1(2)(l), l-Artikolu 68(l) u l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta’ strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta’ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, jipprekludu l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li bis-saħħa tagħhom proprjetà immobbli akkwistata minn werriet uniku skont id-dritt tas-suċċessjoni rregolat mill-prinċipju tas-suċċessjoni universali, tista’ tiġi rreġistrata fil-katast tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab din il-proprjetà fuq il-bażi ta’ ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni biss bil-kundizzjoni li d-data kollha għall-identifikazzjoni tal-proprjetà immobbli rikjesta mid-dritt nazzjonali ta’ dan l-Istat Membru tkun indikata f’dan iċ-ċertifikat.